# Kwadru ta' San Ġorġ fil-Mużew Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar

✍Mario Fenech

Ħaż-Żabbar huwa raħal antik ħafna, bil-knisja tiegħu llum Santwarju Marjan li jgawdi devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Grazzja.

L-ewwel knisja li kien hemm iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja kienet ġa mibnija fis-sena 1575, għaliex din tissemma fir-Rapport tal-Viżta Pastorali li kien għamel fl-inħawi d-Delegat Appostoliku Mons. Pietro Dusina.

Ħaż-Żabbar kien sar parroċċa fit-23 ta' Ottubru 1615, u minħabba l-fatt li din il-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja kienet żgħira, wara ftit tas-snin mit-twaqqif tal-parroċċa kien ġie deċiż li għandha tinbena waħda akbar.

Bdiet tinbena nhar l-4 ta' Mejju 1641 u ġiet solennement iddedikata mill-Isqof Vincenzo Labini fil-31 ta' Ottubru 1784.

Il-knisja kienet waħda mżejna b'ħafna xogħol ta' skultura mad-dawra ta' kull altar li kien hemm fiha. Fid-daħliet tal-arkaturi kien hemm gwarniċi tal-ġebel li fihom kienu tpoġġew kwadri ta' diversi qaddisin. Fost dawn, mal-ġnub tal-kwadru tal-altar ta' San Mikiel kien hemm ukoll kwadri ta' San Ġorġ Martri u ta' San Andrea ta' Avellino.

Meta ġew mibnija n-navi tal-korsija tal-knisja, li tlestew lejn l-ewwel snin tas-seklu għoxrin, dawn il-kwadri flimkien mal-iskultura li kien hemm ġew imneħħija.

Meta ġie mibni l-Mużew tal-Knisja, fih tpoġġew bosta rikkezzi li nġabru matul is-snin, fosthom kwadri ta' artisti kbar kif ukoll ta' artisti mhux magħrufa. Inġabru wkoll għadd kbir ta' opri sagri li m'għadhomx jintużaw fil-knisja.

Dan l-aħħar sar xogħol kbir ta' restawr fuq diversi kwadri antiki li qabel kienu jinsabu fil-knisja. Fost dawn hemm il-kwadri li semmejna ta' San Ġorġ Martri u San Andrea ta' Avellino.

Ma nafux min hu l-artist li pitter dawn iż-żewġ kwadri, li d-daqs tagħhom huwa ta' 136 b'70 ċentimetru.

Fil-kwadru ta' San Ġorġ naraw lil dan il-qaddis bilwieqfa, bi lbies tradizzjonali Ruman u qiegħed iħares 'il fuq lejn is-sema. F'idu l-leminija qiegħed iżomm lanza twila li x-xafra tagħha tidher imdaħħla f'ras id-dragun li fuqu għandu sieqــu l-leminija. F'idu l-oħra, li qiegħda fuq il-korazza ta' sidru, jidher qiegħed iżomm il-palma li tirrappreżenta s-simbolu tal-martirju.

Fis-sena 2006 dan il-kwadru kien sarlu xogħol estensiv ta' restawr mill-artist Manwel Zammit. Grazzi għal dan ir-restawr nistgħu nerġgħu ngawdu s-sbuħija tax-xogħol u l-kuluri oriġinali li l-artist għamel meta pinġieh.

B'xorti tajba llum dan il-kwadru jinsab għall-wiri fil-Mużew tas-Santwarju biex kull min iżur dan il-post ikun jista' jammira din ix-xena li fiha hemm dan il-qaddis kbir, San Ġorġ Martri.◆

